**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018**

**Appell Nru: 96/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri )**

**vs**

**Paul Xerri**

**Mark Cutajar**

**Aaron Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellati, Paul Xerri, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 11862G, Mark Cutajar, detentur tal-

karta tal-Identita' Maltija bin-numru 12977G u Aaron Camilleri detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 4480G, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta' Novembru 2008 kmieni filgħodu għall-ħabta ta' bejn is-02:00hrs u 04:00hrs, ġewwa l-Qala:

a) **Mark Cutajar waħdu** talli bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Amanda Parisa Antolini, liema delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma kinitx tista' tirreżisti minħabba raġuni oħra indipendenti mill-għemil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom (Art. 198, 201b, 202d tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta):

b) **Paul Xerri u lil Aaron Camilleri** talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkommettew attentat vjolenti għall-pudur li, fih innifsu ma kienx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmati jew attentati msemmija fl-artikoli 198 sa 206 tas-sub-titolu II fuq id-delitti kontra l-paċi u l-unur tal-familja u kontra l-morali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Kontra Paul Xerri, Mark Cutajar u Aaron Camilleri:**

c) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrendew ruhhom kompliċi fl-istupru ta' Amanda Parisa Antolini billi għad li ma kienx wieħed mill-persuni msemmija fl-Artikoli 42 (a), (b), u (c), b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tal-istess stupru fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat {Art. 42 (d)};

d) Ukoll talli bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati,

arrestaw, żammew jew issekwestraw lill-imsemmija Amanda Parisa Antolini kontra l-volonta' tagħha, liema delitt sar bħala mezz sabiex hija tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew joqogħdu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom (Art. 86 & 87 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

e) u fl-aħħar nett offendew il-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Amanda Parisa Antolini u l-familji tagħha, u tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li l-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u dan a terminu tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar, 2017, li biha l-ewwel Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u cioe' l-Artikoli 42(d), 86, 87 (1) (g), 198, 201 (b), 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ddikjarat li ma ssibx lill-imputati Aaron Camilleri, Mark Cutajar u Paul Xerri ħatja u lliberathom minn kull imputazzjoni u piena.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, preżentat nhar it-3 ta' Marzu, 2017, fejn talab lill-din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib ħtija kontra l-appellati għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi.

**4.** Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ottubru 2017.

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fid-19 ta' Novembru 2008 għall-ħabta tal-4.30 am dahlet telefonata l-Ghassa r-Rabat Ghawdex minn Anthony Refalo li allega li ċerta Amanda Parisa Antolini kienet giet stuprata. Il-pulizija marru fir-residenza ta' Refalo u kellmu lil Refalo u lil Charlotte Evans. Dawn informawhom li ftit qabel kien habbat il-bieb u meta fethu sabu lil Amanda Parisa Antolini, habiba ta' Charlotte, (Amanda Parisa Antolini) bil-bra f'idha u kienet qed tibki u tghajjat u tilmenta li Charlotte kienet ħallieta waħedha ma xi rġiel u dawn għamlu għemil sesswali fuq il-persuna tagħha għalkemm ipprovat twaqqafhom. Wara li l-pulizija għamlu l-investigazzjonijiet tagħhom ressqu lill-imputati l-Qorti bl-imputazzjonijiet imsemmija.

**7.** Apparti numru ta' konsiderazzjonijiet preliminari ta' natura legali l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u li l-appellant jirritjeni li kien wieħed żbaljat. Di fatti l-Avukat Ġenerali ma jgħidx li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konsiderazzjonijiet legali li għamlet iżda sostanzjalment isostni li l-verżjoni li tat Amanda Parisa Antolini hija wahda kredibbli korroborata mill-verżjoni tal-fatti li taw l-imputati appellati stess u li l-ewwel Qorti ma għarfitx tapplika l-insenjamenti li esplorat hi stess fis-sentenza tagħha.

**8.** Il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti rigward aggravju ta' din ix-xorta hi ormai ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li

l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**Ikkunsidrat**

**9.** In kwantu għall-elementi tar-reat ta' stupru ma hemmx kontestazzjoni li, apparti l-element intenzjonali konsistenti fil-konsapevolezza u fil-volonta' li wieħed bi vjolenza jottjeni konġuniġiment karnali ma' persuna oħra, l-elementi materjali tar-reat jikkonsistu fil-konġunġiment karnali u fil-vjolenza. Il-liġi ma tagħti ebda definizzjoni tal-element tal-vjolenza iżda hu ben stabbilit fid-duttrina li din tista' tkun fiżika jew morali u tista' tkun reali jew preżunta, basta jkun hemm ir-rabta ta' kawża u effett bejn il-vjolenza adoperata u l-otteniment tal-konġunġiment karnali. Il-liġi ma tispeċifikax il-grad ta' vjolenza li jrid ikun hemm sabiex din titqies effettiva biex twassal għall-konġunġiment karnali iżda l-kriterju suġġerit mill-Maino ġie ritenut bħala l-aktar idoneju u ċioe' li dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk il-konġunġiment karnali ġratx kontra l-volonta' tal-vittma u minkejja dik ir-reżistenza li setgħet tagħmel tenut kont tal-forzi fiżiċi u l-enerġija morali tagħha[1]. Finalment, għalhekk, il-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'apprezzament ta' provi.

**10.** L-istess jingħad għaċ-ċirkostanzi li jiskattaw il-preżunzjoni tal-element tal-violenza fosthom dik invokata mill-Avukat Ġenerali fl-appell tiegħu meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti ... għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati. Hawnhekk mhux biżżejjed li jintwera li l-persuna <u>ma rreżistietx</u> iżda jrid jiġi pruvat li dik il-persuna <u>ma kienetx tista' tirreżisti</u>. U din il-kwistjoni wkoll, għalhekk, tirrisolvi ruħha fi kwistjoni ta' apprezzament ta' provi.

---

[1] Luigi Maino, Commento al Codice Penale Italiano, Parte II, #1463

**11.** Għandu jingħad li f'dan il-każ partikolari l-ġudikant li eventwalment iddeċieda l-kawża fl-ewwel istanza ma kienx f'pożizzjoni wisq aħjar minn din il-Qorti in kwantu ma kienx hu li sema' l-maġġoranza tax-xhieda iżda xorta kien f'qagħda aktar vantaġġjuża minn din il-Qorti peress li sema' lill-imputati kollha jixhdu *viva voce* quddiemu, għalkemm din il-Qorti tosserva li l-mod kif id-difiża tħalliet tagħmel domandi diretti u addirittura suġġerimenti lill-imputati waqt l-eżami u ri-eżami, apparti li hu irregolari, ma tantx jgħin fir-riċerka tal-verita'. Dan apparti l-kunsiderazzjonijiet ulterjuri li wieħed mill-imputati, u ċioe' l-imputat Paul Xerri, flok ġie eżaminat indipendentement ġie eżaminat b' riferenza għax-xhieda tal-ko-imputat Mark Cutajar billi ntalab jgħid jikkonfermax dak li xehed l-istess Mark Cutajar u imbgħad żied dak li deherlu ried iżid. B'żieda ma' dan, waqt li l-imputati Mark Cutajar u Paul Xerri xehedu fl-istess jum, l-imputat Aaron Camilleri xehed ferm wara, addirittura aktar minn erbgħa xhur wara. Dan il-mod kif jiġi kondott l-eżami ta' xhieda ferm importanti bħal ma ċertament hi x-xhieda tal-imputati xejn ma hu wieħed feliċi.

**12.** Il-Qorti żżid tirrimarka li għalkemm huwa minnu, kif irrilevat l-ewwel Qorti, li l-istqarrijiet tal-imputati ma ġewx esibiti mill-Ispettur Josric Mifsud l-istess stqarrijiet jifformaw parti mir-rapport esibit mill-espert forensiku Dr. Mario Scerri (Dok MS fol 236) u dawk tal-imputati Aaron Camilleri u Paul Xerri ġew identifikati u konfermati fil-kors tal-kumpilazzjoni minn PS 369 Joseph Mizzi. Bdanakollu, din il-Qorti, bħal l-ewwel Qorti, tirritjeni l-istqarrijiet kollha rilaxxjati mill-imputati lill-pulizija inammissibli u ma hix ser tieħu konjizzjoni tagħhom peress li dawn saru mingħajr ma l-imputati kellhom l-opportunita' jikkonsultaw avukat. Dan fuq l-iskorta ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "The Republic of Malta v Chukwudi Samuel Onyeabor"[2] fejn ġie

[2] 1/12/2016

ritenut li ċ-ċaħda ta' assistenza legali fl-istadju pre-proċesswali bħala riżultat ta' restrizzjoni sistemika fuq persuni akkużati b'reat illum-il ġurnata għandha titqies bħala bi ksur tal-kondizzjonijiet biex stqarrija ta' akkużat tiġi ritenuta ammissibbli.

**13.** Kif jinkombi fuqha din il-Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi biex tara jekk l-ewwel Qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputati appellati.

**14.** Fil-kors tal-investigazzjoni Amanda Parisa Antolini għamlet stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ma' diversi persuni dwar dak li allegatament għaddiet minnu. Hekk tkellmet ma' Anthony Refalo, Charlotte Evans, is-Surġent 676 Adelon Spiteri, tkellment ukoll ma' Dr. Marlene Attard li invistatha l-Isptar fejn ġiet rikoverata Antolini, jidher li rrilaxxjat ukoll stqarrija lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet (fol. 291). Ebda waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ma hi prova tal-kontenut tagħha in kwantu ma humiex depożizzjonijiet bil-ġurament li ingħataw *viva voce* fil-kors tal-proċeduri ġudizzjarji u li kienu suġġetti għall-kontroeżami tal-imputati. Jistgħu, iżda, jservu ta' korroborazzjoni ta' xhieda bil-ġurament li setgħet tat l-istess Amanda Parisa Antolini.

**15.** L-unika depożizzjoni ġuramentata li tat Antolini hija dik li tat permezz ta' konferenza audioviżiva (videoconference) fit-2 ta' Diċembru 2008. F'din id-depożizzjoni f'ebda stadju ma tgħid li ġiet stuprata minn xi ħadd. Di fatti anqas tallega xi għemil da parti ta' xi ħadd li jista' jammonta għal attentat vjolent għall-pudur. Tgħid biss li Aaron ipprova jbusha u qaltlu le u biex iħalliha. Tiftakar ukoll wiċċ Mark riesaq lejha u jqiegħed idejh fuq spallejha u hi timbuttah. Tgħid iżda li tiftakar li meta ġara l-fatt kienet tiftakar li xi ħadd kien stuprha u semmiet dan lil Charlotte id-dar tagħha iżda fl-istess depożizzjoni qatt ma tidentifika l-persuna jew persuni li stuprawha. F'sitwazzjoni bħal din fejn fl-unika

depożizzjoni legalment ammissibbli la tiftakar li ġiet stuprata, tiftakar li kienet qalet lil Charlotte li kienet ġiet stuprata, iżda ma tidentifika lil ħadd bħala l-persuna jew persuni li stuprawha, id-dikjarazzjonijiet extra ġudizzjarji li għamlet ftit li xejn isibu x'jikkoroboraw.

**16.** Inoltre, għalkemm lill-esperta Dr. Marisa Cassar irriżultalha li mill-analiżi li għamlet tal-kampjuni intimi ta' Amanda Parisa Antolini ħareġ profil ġenetiku tagħha u ta' raġel li jaqbel ma' dak ta' Mark Cutajar, lil Dr. Marlene Attard, għalkemm irriżultawlha xi abrazjonijiet superfiċjali u xi ħmura, ma rriżultalha xejn fuq s ider Antolini, jew fl-inħawi tal-*groin,* tal-*vulva* u tal-*vagina.* Barra minn hekk, għalkemm lill-espert forensiku Dr. Mario Scerri irriżultatlu girfa fuq is-sider, xi dbenġil fid-dahar u fuq id-driegħ u l-id tax-xellug kompatibbli ma *grip mark*, u dbenġila fuq l-id il-leminija kompatibbli ma *blunt trauma*, ma sab ebda leżjonijiet fuq l-introjtu u partijiet ġenitali li jindikaw li kien hemm penetrazzjoni sfurzata. Fix-xhieda tiegħu, imbagħad jgħid li l-grif u t-tbenġil li kien hemm ma humiex kompatibbli ma xi swat jew xi daqqiet u l-anqas mal-użu ta' vjolenza fuq il-persuna ta' Amanda Parisa Antolini.

**17.** In kwantu għall-imputati dawn sostnew bil-ġurament tagħhom fix-xhieda tagħhom li waqt li kien hemm għemil sesswali da parti tagħhom fuq il-persuna ta' Amanda Parisa Antolini u l-imputat Mark Cutajar addirittura ammetta li kellu x'jaqsam magħha dan sar kollu bil-kunsens tagħha u anzi fuq inċitament da parti tagħha.

**18.** In vista ta' dan l-istat tal-provi u ċirkostanzi u kunsiderazzjonijiet oħra rilevati fis-sentenza appellata din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjenti li jinduċuwha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti u l-konklużjonijiet minnha raġġunti.

Għaldaqstant din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur